**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA, 19 TA' SETTEMBRU, 2001

**Numru: 4**

**Avviz Nru: 498/01AE**

Gollcher Company Limited

Vs

Graja & Caorsi (Malta) Limited

It-Tribunal,

Ra t-talba tas-socjeta attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf mitejn u hamsa u hamsin liri Maltin u tmenin centezmu (Lm1,225.80) hlas dovut ghal noll u spejjez ohra relatati ma' garr ta' merkanzija.

Semgha bil-gurament lir-rapprezentant tas-socjeta attrici jikkonferma l-avviz tat-talba bil-gurament u li l-ammont mitlub ghadu dovut kollu. Ra d-dokumenti li gew prezentati mis-socjeta attrici (fol. 3-8) u li wkoll gew ikkonfermati mir-rapprezentant tas-socjeta attrici.

Illi s-socjeta konvenuta debitament notifikata ma deheritx fis-seduta tal-14 ta' Settembru 2001 u lanqas fis-seduta tal-lum, kif ukoll ma pprezentatx risposta.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jiddecidi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' elf mitejn u hamsa u hamsin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm1,255.80), dovuta ghar-ragunijiet premessi.

L-ispejjez, inkluzi drittijiet legali, jithallsu mis-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**